MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# L-IMNARA



**GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR**

**1999**

**Vol. 6 Numru 2** **Ħarġa Numru 23**

# L - IMNARA

Vol. 6 Numru 2 Harġa Numru 23
1999

WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| L-GHANA TA' ANTONIA DIMECH | Guido Lanfranco | 43 |
| IL-LOGHOBA TAL-BULLARI | Anton Attard | 48 |
| MANWEL AQUILINA, BENNEJ TAD-DGHAJJES | Angelo Dougall | 50 |
| NOTA DWAR ID-DGHAJSA MALTIJA | Lorenzo Żahra | 51 |
| RAFEL BONNICI CALÌ | Intervista | 52 |
| LAQMIJIET TA' POSTIJIET FIL-BELT | Lorenzo Zahra | 55 |
| SANT' ANNA FIL- FOLKLOR MALTI | Guido Lanfranco | 56 |
| XOGHOLIJIET MINN MEMBRI TAL-GHAQDA TAL-FOLKLOR | | 70 |
| LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI 1999 | | 73 |

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba, iżda jista' joħroġ darbtejn f'sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx hekk speċifikat.

Indirizz ta' l-editur: 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02

## L-GĦANA TA' ANTONIA DIMECH TA' 90 SENA

**Guido Lanfranco**

Waqt il-*lectures* li kont tajt dwar il-folklor Malti, fil-ħarifa tal-1998, lil wieħed mill-gruppi ta' l-Universita tat-Tielet Eta, kont għamiltilhom appell biex jekk ikunu jafu b'xi anzjani li għadhom jiftakru għana ta' l-imgħoddi, javżawni biex nista' nirrekordjahom u niktibhom. Is-Sinjura Ethel Scicluna uriet interess partikolari, u fil-25 ta' Ottubru 1998 marret għand zijitha Antonia Dimech, li twieldet fl-1909 u dejjem kienet toqgħod L-Imsieraħ (issa San Ġwann); flimkien ma' bintha Bernardette Cuschieri ġentilment irrekordjawli għadd ta' għanjiet li Antonia ftakret dakinhar. Jien ittraskrivejthom u jidhru hawn numerati minn 1 sa 23. F'Jannar 1999 kitbuli oħrajn, li jidhru numerati 24 sa 37. Ta' dan kollu nirringrazzjahom.

Dawn il-*quatrains*, Antonia Dimech mhux biss qalithom, iżda wkoll għanniethom. Billi dawk numerati 1 sa 23 kienu rekordjati, il-melodija tagħhom inġabret, iżda l-kumplament mgħandix melodija għalihom.

Tlabt lis-Sinjura Anna Borg Cardona biex ġentilment tiktibli l-melodija ta' l-ewwel waħda, għax din tidher użata b'xi varjazzjonijiet fil-maġġoranza tal-għanjiet; ta' dan jien nirringrazzjaha. Iżda s-Sinjura Borg Cardona tistqarr li fost il-*quatrains* l-oħra hemm mhux biss varjazzjonijiet importanti, iżda uħud huma differenti; nisperaw li dawn il-melodiji għad iservu, ma' oħrajn, għal studju aktar dettaljat fil-futur.

Din hija il-melodija ta' l-ewwel waħda, kif miktuba mis-Sinjura Anna Borg Cardona minn fuq ir-*recording*:



1 L-ewwel għanja li ser ngħanni, / Ngħannihielek bil-kuraġġ,
U skużawni aħwa ħuti, /Għax għall-ewwel ma naqbadx.

2 Nixtieq naf x'x'għamilt ġod-dinja / kbir u żgħir kulħadd jaħqarni
U sal-baħar kontra tiegħi / Fuqu 'mmur jibda jdardarni.

3 Min ikollu qalbu sewda / Is-sabar ma jridx jaf bih,
jekk int tkellmu jaqbad jibki,/Jekk ma tkellmux jiddispjaċih.

4 Ommi qalet lil missieri / Li t-tifla waslet għaż-żwieġ
D-dota tagħha diġa' lesta, /Min iridha għad m'għandhiex.

5 Jiena biki ma 'rridx nibki / U għaliex ngħarraq l-għajnejja
U id-demm idur għall-qalbi / Jiġi żmien u l-ġismi noqtol b'idejja.

6 U int sabiħa, gawdi l-ġmielek, / Jiena kerha ngawdi l-uliedi,
Int sabiħa, wieħed riedek, / U jien kerha kelli min iridni.

7 Kont inħobbok u għadni nħobbok, / Kont irridek u issa m'għadnix
Issa sfajt mara miżżewġa, / Kont tiegħek ma baqagħaliex.

8 Meta nisma l-motor ġejja / Nagħmel atti ta' miġnuna
Nibqa' nirsisti bil-faċendi / Biex tibgħatni is-sinjura.

9 Int sabiħa naf fejn toqgħod / Għax għamiltli is-sinjal
Ġo' t-tieqa għamlitli l-imsiebaħ / Ġewwa l-bieb għamlet fanal.

10 Ajma qalbi kemm hi sewda / Qisha ġejja l-mewt għalija
Jekk trid tiġi tfittex tiġi, / Ili ħafna nistenniha.

11 Wiċċek wiċċ l-għatba tal-qorti / Minn fuqha jirfes kulħadd
Jien iżżewwiġt lin-namrat tiegħi / Int tinnamra ma' kulħadd.

12 Puħ għalik xebba dittura / Ridtu ġuvni ħadtu xiħ
Sa ma 'ttellgħu fuq is-sodda / X'paċenzja trid tieħu bih.

13 Għiduli fejn hu ħanini / U għiduli fejn hu fejn mar
U kieku għadkom ma 'ttuħuli / Kif triduni 'mmur id-dar.

14 Kemm itħobbni il-kunjata / Ġabitli ġuvni sabiħ
Ġabitħuli t-għoxrin sena / Qaltli ħudu biex trabbih.

15 Il-kunjata 'ġġieldet miegħi, / U għajritni vili u tosta
Sabbattilha l-bieb ġo' wiċċa / U għidtilha 'la morna morna'.

16 Missieri w ommi keċċewni / U jiena qbadt il-bieb u ħriġt
U meta dort il-kantuniera / Tajt il-kelma u 'żżewwiġt.

17 Biżżejjed sikket ilsienek, / U għax aħjar se jkun għalik,
Ara biss min isemmini / U għax ħażin se jkun għalik.

18 Puluzija le ma 'rridu / Puluzija ma nieħux
Għax jieħu l-ġuramenti foloz / U barka f'daru ma jkollux.

19 Ir-Reġina bagħtet ittra / Li ġo' Malta ma jsirx namur
Mela bgħatt nirrispondiha / Il-ħanini nkellmu żgur.

20 U ajma l-istonku tiegħi, / U kull ma niekol joqgħod fuqu
Ilma baħar ma 'rridx nixrob / U għax għandi l-ħanini fuqu.

21 U ajma żaqqi kemm tuġgħani / U kilt l-għeneb mhux misjur,
Iddendilt mal-kannizzata / Qisni l-kelb tal-kaċċatur.

22 U għalaqthom it-tmenin sena / U nista' 'mmur fix-xemx nixxemmex
Minn wara jaħsbuni tfajla / U quddiem wiċċi imkemmex.

23 U Mulej tini l-paċenzja,/ /U mal-paċenzja tini l-ħobż.
Mal-ħobż tini ir-raġel, / Forsi jkolli l-min inħobb.

24 Kemm hi kiefra il-bonasira / Għax jaqbad il-bieb u jmur,
Ma jgħidlekx ħa niġi miegħek / Hi xi ħaġa li ma tistax tkun.

25 Nirrah kull min jobogħdni / Ħobż u ilma ma jixbax
Jintefa' ġo' qiegħ ta' sodda / U jrid jitqalleb ma jistax.

26 Ajma j'ommi x'raġel għandek, / Kull ma jaqla' għall-inbid
Filgħaxija joqgħod fis-sakra / U filgħodu jisbaħ marid.

27 Is-sinjura Pawla mietet, / Imsarinha x'nagħmel bihom,
Nagħmilhom kordi ta' kitarra / Biex noqgħodu 'ndoqqu bihom.

28 Min iħobb irid iħallas, / Jien ħabbejt riedu jħallsuni
Ma servewx il-flus ta' Malta / Minn barra marru jġibuli.

29 Smajra jien smajjar ħanini / Is-smurija mhux mankament
Mankament għajnejn il-wereċ / Waħda x'lokk l-oħra l-punent.

30 Ħanini mar u ħallieni,/ Issa x'nagħmel biex ninkih?
Naqla ' wieħed isbaħ minnu / U minn quddiemu ngħaddi bih.

31 Żewwiġni ja omm żewwiġni, / Żewwiġni fizzjal Ingliż,
Għax il-Malti jrid id-dota,/ U jiena dota le mgħandiex.

32 Kemm għandi min iħobbni, / Għandi kejla u għandu siegħ,
Għandi t-twal u għandi l-qosra / U għandi l-koroh u għandi sbieħ.

33 Wiċċek wiċċ l-għatba tal-qorti / Minn fuqha jgħaddi kulħadd
Jien ħsibtek raġel sewwa / U inti 'mxandar ma' kulħadd.

34 Ħanini twil u rqajjaq / Qisu labra ġo' l-istoċċ
Kulma jilbes kollox jixraqlu / Sal-katina ta' l-arloġġ.

35 Dak wiċċek mhux bħal wiċċi / Qisu ħobża tar-razzjon,
Talli inti insulentajtni / Issa rrid sodisfazzjon.

36 Jekk int sabiħa gawdi ġmielek / Jien kerha ngawdi l-unuri
Int sabiħa wieħed kellek / U jien kerha u kelli miljuni.

37 San Ġiljan kollu palazzi / Imdawwar bil-pastażuni
Allavolja aħna foqra,/ Nixbgħu daqs is-sinjuri.

**Sħubija fil-Għaqda Maltija Tal-Folklor**

Kull min jinteressa ruħu fil-folklor jista' jissieħeb f'din l-Għaqda. Il-ħlas huwa biss Lira Maltija fis-sena, iżada min jidħol l-ewwel darba iħallas ukoll lira għar-reġistrazzjoni. Il-bullettin tal-Għaqda, "L-IMNARA" li jiġi pubblikat darba fis-sena, ma jinbihx fil-ħwienet, iżda jintbagħat biss lil membri li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti, jiġifieri il-membri effettivi. Il-lista tal-membri effettivi, (li jkunu ħallsu għas-sena kurrenti) qed tidher f"L-IMNARA").

Kopji ta' L-IMNARA imorru ukoll, skond il-liġi, fil-libreriji nazzjonali ta' Malta u Għawdex, iżda tmur ukoll fil-Librerija ta' Belt-Is-Sebh u l-librerija tal-Mużew Nazzjonali, kif ukoll fil-Librerija tal-Università

Kull ħlas għandu jintbgħat **BISS** lit-teżorier, is-Sur J.F.Porsella Flores, 69, Triq il-Palma, Paola.

**Kitba Għall-Imnara**

Kull kitba biex tiġi pubblikata f'L-IMNARA tista' tkun bil-Malti jew bl-Ingliż u **għandha** tkun DEJJEM ORIĠINALI, u qatt ma tkun pubblikata qabel band'oħra, u preferibbilment **ta' nteress lokali**. Il-indirizz ta' l-Editur **huwa 78, Triq San Trofimus, Tas-Sliema SLM 02**.

# IL-LOGĦOBA TAL-BULLARI FUQ IS SUR TAT-TOQBA, FIL-BIRGU

**Anton Attard**

Sakemm il-flotta Ingliża kienet tuża l-portijiet tagħna, wieħed mill-aktar imkejjen frekwentati u popolari fil-Birgu kienet ix-xaqliba tas-Sally Port, magħrufa aktar bħala t-Toqba l-Qadima u magħha is-sur u l-wita' qabel tinżel għaliha li konna nsejħulha wkoll 'Fuq Blataforma'.

F'din ix-xaqliba, bosta mill-irġiel u ż-żagħżagħ tal-Birgu, mhux biss qalgħu x'jieklu iżda għaddew ukoll il-biċċa l-kbira tal-ħin ħieles tagħhom. Dan kien aktarx ikun minn wara l-ikel ta' nofs inhar sa ma jasal il-ħin biex isalpaw bid-dgħajjes tagħhom għal taħt l-iskala tal-bastimenti; jew kif kienu jsejħulha "fuq il-venda" jistennew lill-baħrin niżlin 'l art, għal l-ħabta ta' l-4.00 p.m.

Tul dawn is-siegħat, fuq is-Sur tat-Toqba, li qabel il-gwerra kien magħruf għall-luminata li kien jagħmel Bertu Aquilina fl-imħażen li 'llum jinsabu magħluqin, kont issib il-biċċa l-kbira tal-barklori, li bosta minnhom kienu jgħammru fil-qrib fil-post magħruf bħala l-Mandraġġ. Xi wħud minnhom kienu jintasbu bilqegħda fuq it-tarġa tas-sur jitkellmu i jiddiskutu u fl-istess ħin b'għajnejhom miftuħin għal xi baħri, lest biex jiġi 'ċamat' minn dak li jilmħu l-ewwel. Il-barklor li jċama l-baħri jew passiġġier kien ikun dak li lemħu l-ewwel u allura jkollu d-dritt għall-vjaġġ.

Oħrajn kienu jieqfu fuq il-pjattaforma, komunement imsejħa 'blataforma', jaraw u jikkumentaw fuq il-bastmenti li jkunu ħerġin jew deħlin fil-port; kultant ibillu griżimhom b'xi ftit inbid mill-ħanut ta' Bertu (jew dawk li ġew warajh) inkella jinżlu għal xi te' bil-lumi mill-gabbana ta' Ġanni Merċieca, magħruf aktar bħala 'il-bajżu', li dan kellu ħdejn il-baħar kif tinżel it-taraġ tat-Toqba.

Iżda għadd ġmielu, aktarx żgħażagħ, kienu jehdew jilagħbu dik li kienet tissejjaħ "Il-Bullari", logħba speċi ta' "squash", li fil-Birgu ma kienet tintlagħab imkien aktar u sa fejn hu magħruf, f'ebda mkien ieħor f'Malta; għalkemm hemm min jgħid li, għal żmien qasir, tħajru jilagħbuha, mingħajr suċċess, xi Beltin, in-naħa ta' Sant'Iermu. Din il-logħba kienet tintlagħab mal-ħajt tal-monasteru tas-sorijiet, fuq is-simenta bejn il-kantuniera ta' Triq il-Miratur u l-ewwel bieb ta' l-imħażen ta' Bertu, b'dan il-mod: minn żmien għall-ieħor, kien isir sinjal biż-żebgħa tul il-ħajt, għoli madwar tliet filati, li dawk li jkunu jilgħabu kellhom iħabbtu 'l fuq minnu, b'idhom

magħquda f'ponn, ballun tat-tennis li, aktar kienu jsibuħ bħala "ballun tal-kamoxxa". Dak li jħabbat il-ballun taħt is-sinjal biż-żebgħa, ma jħabbtu xejn, jew jolqot il-ballun wara li dan ikun ħabat aktar minn darba ma' l-art, kien jitlef punt.

Din il-logħba setgħet tintlagħab raġel kontra ieħor mal-11-il punt, tnejn kontra tnejn mal-15-il punt u tlieta kontra tlieta sa' l-21 punt. Fiha kienet tintuża ċerta strateġija bħal, ngħidu aħna, biex il-ballun jibqa' viċin il-ħajt, flok bil-ponn kien jintlagħab bil-pala ta' l-id. Jew dawk xellugin, waqt il-logħob ma kienu qatt ikunu fuq in-naħa tal- Mandraġġ, iżda jżommu n-naħa ta' blataforma. Waqt il-logħob bejn raġel kontra ieħor, il-ġugatur kien jipprova jitfa' l-ballun in-naħa kuntrarja ta' id l-avversarju. Ir-rebbieħa kienu jieħdu l-ftit soldi li jkunu ħarġu bejniethom dawk li jieħdu sehem, jew dak li ftehmu dwaru qabel bdew jilgħabu.

Qabel il-gwerra, fost l-aħjar lagħaba jissemmew Karmenu Brincat, imlaqqam "il-panokk", Kieli Burdieri "l-arċipriet", Kikku Mizzi - "il-pappa pa", li kien wieħed mill-vittmi li fl-aħħar gwerra tilfu ħajjithom fis-sagristija ta' San Lawrenz u ċertu Johnny Sullivan, magħruf bħala "l-OK". Fost l-aħjar ta' wara l-gwerra nsibu lil aħwa Ferriġġi - Salvu "s-sussu" u Ġużeppi "l-qastni". Ma dawn ta' min iżid lil France Micallef imlaqqam "il-langu".

Malli bdiet tnaqqas il-flotta Ingliża, mit-Toqba, qajl qajl, bdew jgħibu l-barklori u magħhom id-dgħajjes kuluriti tagħhom. Fuq Blataforma safa mitluq, sieket u minsi. U flimkien magħhom intesiet u għebet għal kollox il-Logħba tal-Bullari.



*Fuq is-Sur tat-Toqba jidher il-"Ħajt tas-Sorijiet" li miegħu kienu jilgħabu l-"bullari"*

## MANWEL AQUILINA (IR - RATAL) - BENNEJ TAD-DGĦAJJES

**Angelo Dougall**

Fl-4 ta' April, 1999 miet Manwel Aquilina, aktar magħruf bil-laqam ta' "Ir-Ratal". Twieled Bormla fl-1905, għadda l-bidu ta' ħajtu jaħdem il-Kalkara, imma għamel snin sħaħ jgħix f'Birżebbuġa. Miet ta' 94 sena fl-Isptar San Luqa, għalhekk nitolbu lil Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

Manwel kien mgħallem prim fis-sengħa ta' l-injam u bennej magħruf sewwa għall-opri tal-baħar. Minn ċkunitu trabba f'atmosfera marittima, tela' u kiber żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija. Kien imgħallem tajjeb, ħaddiem ħabrieki u bieżel, u minn taħt idejh ħarġu ħafna opri tal-baħar.

Lil Manwel wieħed kien isibu dejjem għal xi tagħrif dwar dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja soċjali maltija u marittima, u dwar arti tal-folklor marittimu. Kien jaf u jiftakar bosta bennejja tal-opri tal-baħar, l-aktar lil l-imgħallmin tal-Cottonera u l-Kalkara taħt il-Posta ta' Kastilja fil-Birgu, u dam hemm sa ma bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija. Kien bniedem twajjeb, umli, ċajtier u dħuli; kien raġel għaqli u tal-familja. Kien ħarreġ ukoll lil xi żagħżagħ f'dan il-mestier.

**Arti floklorisika marittima.**

Manwel kien jinqala' ħafna għal xogħol ta' tinqix, skultura u lavur kif ukoll għal tpinġija folkloristika u tipika li jiżżejnu bihom l-opri tal-baħar. F'din il-ħaġa baqa' attiv sa l-aħħar snin ta' ħajtu, u għal dan baqa' mfittex ħafna. Qatt ma kien tani xi ħjiel fejn kien tgħallem din l-arti, u sa ftit snin qabel miet, baqa' jżejjen b'arti tipika u folkloristika, u jiskolpi f'ħafna opri tal-baħar. Meta kien għadu attiv fil-mestier tiegħu, kienu jibgħatu għalih għal dan ix-xogħol ta' arti folkloristiku f'kull rokna ta' Malta. Kien jiskolpi lavur tipiku bħal l-għajn, stilel, l-armi tal-prins, (Prince of Wales) u l-pjumi, makkaronetti, iljuni għad-dgħajjes tal-pass, ajkli u tjur oħra bħal borok u ċinji, faxex imberflin u żigarelli bl-isem tad-dgħajsa, lavur fit-tappieri, fl-ispallieri u fil-falki; ħut, sireni, draguni tal-baħar, fjuri jew disinji fil-geriti u l-iskalmotti, u kull xorta ta' tiżjin u lavur folkloristiku, tinqix u tpinġija li bihom jiżżejnu l-qxur tal-baħar ta' dawn il-gżejjer. Kien hu stess, Manwel, li kien jippitturahom u jagħtihom l-ilwien.

Dawn l-imgħallmin tas-sengħa tal-baħar qegħdin, bil-mod il-mod, jitnaqqew u jonqsu aktar ma jgħaddi ż-żmien; u ma' dawn jispiċċa wkoll ix-xogħol ta' arti dekorattiva u folkloristika li bih jiżżejnu l-opri Maltin tal-baħar.




*Ritratt ta' dgħajsa, kartolina pubblikata minn Joseph Galea & Sons, South Street, Valletta*

NOTA DWAR ID-DGĦAJSA MALTIJA **Lorenzo Zahra**

Id-dgħajsa hija mezz tat-trasport kollu kemm hu Malti, fuq il-baħar. Minħabba f'hekk, hawn ġbart xi ismijiet ta' partijiet tad-dgħajsa biex ma jintremewx kif qed jiġri lid-dgħajsa Maltija li biż-żmien ġiet sostitwita mill-*motor boats* u l-jottijiet. L-ismijiet huma dawn:

Il-falki: il-falka ż-żgħira ta' l-ispalla, u l-falka ta' l-iljun.

Rota: ta' quddiem (tal-pruwa), u ta' wara (tal-poppa)

It-tamburett L-ispalliera It-tappiera biċ-ċint L-imqadef

Il-battusi L-iskalm li jidħol fil-battusi Il-makkaronetti

Il-majjieri L-istamnari It-trinkarin Il-Parjola

Il-ħames kriżijiet L-erba' battarjoli tat-tinda (dawk weqfin) Il-barinell

L-erba' battarjoli mimduda magħrufa bħala il-lasti bl-għasafar Il-pustiera

Il-pustiera bil-ħanżira Il-kontra roti tal-pruwa u dawk tal-poppa

**RAFEL BONNICI CALÌ, l-aktar membru anzjan tal-Għaqda Maltija Tal-Folklor. Fl-okkażjoni tal-għeluq tat-92 sena tiegħu, intervistat mill-Editur**

**Għidilna kemm għandek żmien, u dwar tfulitek . . .**

Twelidt f'Ħal Tarxien fil-ħdax ta' Ġunju 1907; missieri Fredu Bonnici u ommi Carmela Calì kienu mill Birgu iżda tejġu f'Ħal Tarxien fejn sabu dar aktar arjuża u rħisa. Trabbejt Ħal Tarxien u mort fl-iskola t'hemm, li kienet l-aħjar skola tal-gvern li kellha *standard six* u klassi speċjali *standard seven.* Dak iż-żmien kellna tliet lingwi, Malti, Taljan u Ngliż. L-aritmetika dejjem għaddejt minnha, tant li spiss kont niġi dikjarat *captain of the class* bl-obbligu li nirreġistra il-gradi tat-termometru tat-temp ta' kuljum. Kont tajjeb f'kollox, iżda ta' ħmistax il-sena xbajt u tlaqt għax ħassejtni aktar miġbud lejn l-arti tal-pittura, imma missieri riedni nkompli l-iskola biex insir perit jew professjoni oħra ta' qliegħ il-flus, għax l-artisti Maltin kollha kienu bla xogħol u batuti. Malta saret tajba biss għan-nies tas-snajja li jaħdmu bil-magni u l-elettriku. Malta kienet maħkuma mill-barranin, l-aktar Taljani, tant li kellna invażjoni ta' barbiera, mastrudaxxi, ħajjata kif ukoll artisti.

**Kif bdejt il-karriera tal-pittura?**

Ommi kompliet miegi biex insir pittur, u ħaditni għand iz-ziju tiegħi, il-famuż Ġużeppi Calì, u dan żammni bħala student tiegħu b'imħabba familjari bla ħlas. Iżda fl-1925 huwa marad u jiena komplejt nitgħallem l-arti ma' ibnu Ramiro Calì u surmastrijiet oħra Maltin fil-klassijiet tad-disinn u modellatura li kellna fl-iskola l-kbira Tar-raħal. Fl-1927 mort fl-iskola ġdida ta' l-arti li fetaħ il-gvern fil-Belt fejn ma sibtx surmastrijiet tajbin u tlaqt biex nibda l-karriera personali, naħdem kull xogħol artistiku li nsib, ibda minn ritratti tal-kulur sad-dekorazzjoni tal-karrozzi tal-linja, li kont inpinġihom bil-girlandi tal-fjuri u pittura tal-qaddisin, li minnhom biss kont naqla l-flus biex niekol. Dun Gejt Mifsud, li kien il-kappillan tal-Ħamrun, għoġbuh wisq il-figuri tal-qaddisin ta' fuq il-karrozzi, bħal-Madonna, San Pawl u oħrajn; għalhekk qabbadni npinġilu tliet kwadri kbar għall-knisja, jiġifieri San Pietru, San Pawl u kwadru kbir ħafna ta' l-agunija ta' San Gejtanu waqt li kellu dehera tal-Madonna bil-Bambin. Dawn lestejthom fl-1932 u qlajt ħafna tifħir fil-gażżetti u mill-parruċċani Ħamruniżi, tant li l-mexxejja tal-banda ta' San Ġużepp qabbduni nagħmel dekorazzjoni fis-sala tal-każin tagħhom.

**X'pittura aktar komplejt taħdem?**

Xogħol akbar sibt fit-teatri kbar meta beda t-*talkies,* l-ewwel fil-Capitol ta' L-Belt, mbagħad fil-Majestic, fil-Carlton u l-Orpheum tal-Gżira li fihom għamilt kwadri kbar ta' storja, allegorija u dekorazzjoni oħra ta' natura patrijottika, fosthom *frieze* ta' sittax il-figura ta' kompożituri Maltin tal-mużika, li fihom sibt għajnuna mill-iskultur xiħ Fredu Azzopardi mill-Imsida. Il-ftehim bejn l-artisti huwa sabiħ ħafna iżda l-artisti Maltin rari biex jifhmuha, u sal-ġurnata ta' llum għadhom bla ma għamlu unjoni ta' l-artisti kollha; għadhom mifrudin.

Jiena kont aktar mixħut biex inpinġi arti sagra għall-knejjes, u rnexxieli npinġi s-soqfa ta' knejjes kbar bħal taż-Żurrieq u xogħolijiet oħra fil-knejjes ta' Ħal Tarxien, tal-Birgu u Bormla, kif ukoll kwadri ta' l-altari f'San Pawl tal-Belt, Ħal-Luqa u Għawdex.

**Għidilna xi ħaġa dwar ix-xogħol ta' restawr li kont tagħmel . . .**

Bħala restawratur kont ħdimt ukoll fl-istess knejjes li semmejt u fi knejjes oħra bħal dawk ta' L-Isla, Tas-Sliema, u kappelli fosthom Santa Duminka f'Ħaż-Żabbar fejn sibt affresko moħbi bejn il-ħitan li rnexxieli naqalgħu u nġorru fil-mużew tal-parroċċa Tal-Grazzja; dan kien l-aktar xogħol kbir li bħalu , qabli qatt ma kien għadu sar f'Malta. Restawr ieħor diffiċli kien dak ta' l-ikona medjovali ta' San Lawrenz fuq it-Tron li oriġinarjament kien tal-Gran Mastru L-Isle Adam, għalhekk, meta fl-1938 ġie Malta l-Gran Mastru Ludovico Chigi, ippreżentali medalja tal-fidda talli kont kapaċi nsalva dan it-teżor tal-Kavallieri.

**Liema xogħol li għamilt int għad għandek l-aktar għal qalbek?**

Ma nistax ngħidlek liema xogħol għandi l-aktar għal qalbi, iżda nista' biss ngħidlek, li l-ewwel kapolavur tiegħi kien il-pittura tas-Sagra Familja, fl-1932, li għaliha oħti Lorenza ppużatli bħala l-Madonna, u ħija Manweli ppoża bħala San Ġużepp; tarbija f'dirgħin ommha, ġirien tagħna, servietni ta' mudell għall-Bambin Ġesu.

**Int pinġejt ukoll xeni mill-folklor Malti; kif tħajjart tagħmel dan?**

Jiena dejjem kont ħabib ta' Ninu Cremona u Ġuże Cassar Pullicino meta dawn kienu jgħixu f'Ħal Tarxien u huma stess qabbduni t-triq bħala pittur tal-folklor ; Kont

magħhom meta flimkien mat-tabib Charles Cassar, waqqfu l-Għaqda Maltija tal-Folklor. Bdejt ukoll nikteb xi artikoli għal "L-Imnara".

**X'pariri tixtieq tagħti lill qarreja?**

Il-parir li nagħti lil kulħadd huwa li dejjem iħobbu dak kollu li hu Malti, fosthom kull xogħol u drawwa reliġjuża, soċjali u kulturali; Jidhirli li weġibt għal dak kollu li staqsejtni u ntemm billi nirringrazzjak ħafna għal din l-intervista u nselli għall-imseħbin kollha tal-Għaqda.



*Rafel Bonnici Calì fis-sala tal-wirja ta' l-"ex-voto li huwa" organiżża għall-Għaqda Maltija tal-Folklor fl-1973*



*Eżempji ta' pittura ta' Rafel Bonnici Calì*

## LAQMIJIET TA' POSTIJIET FIL-BELT VALLETTA.

**Lorenzo Zahra**

Il-Laqam dari ma kienx jingħata biss lil dak jew dan imma wkoll lil xi postijiet. Hekk fil-Belt Valletta nsibu dawn:-

| | |
|---|---|
| Iż-Żenqa- | ħdejn Hastings Garden (Żenqa tfisser triq bl-Għarbi). |
| Triq tal-Ganċ- | Triq San Ġwann bejn Triq San Pawl u Merkanti. |
| In-Niżla tat-Titieġ- | Triq it-Teatru bejn Triq San Pawl u St. Ursola. |
| Triq tal-Mażżri- | Triq San Pawl minn Triq Melita sa Triq S.Ġwann. |
| Triq il-Gran Viskont- | Triq Sant Ursola. |
| Fuq il-Ġgant- | Ix-Xatt fejn il-Knisja ta' Liesse. |
| Triq tal-Fama- | triq l-Arċisqof. |
| Fuq Fomm ir-Riħ- | Triq San Kristoforu lejn Marsamxett. |
| Fuq l-Ixprun- | Triq ir-Republika l-isfel lejn Sant'Iermu. |
| Is-Sur tal-Ħaddieda- | Triq l-Irlandiżi. |
| Triq tal-Franċiżi- | Triq san Ġużepp. |
| Triq tas-Siġġijiet- | Triq San Kristofofru, f'nofsha. |
| Fuq l-Iljuni- | Triq Levante lejn il-Barrakka t'isfel. |
| Fuq l-Għalqa- | il-misraħ ħdejn ta' Ġieżu tarf Triq San Ġwann. |
| Niks Mangiare- | It-taraġ minn Victoria Gate għall-Barriera. |
| Is-Sur tal-Ħabs- | Is-Sur tal-Barrakka t'isfel Triq Levante. |
| L-Arċipirku- | Triq San Pawl lejn il-Conference centre. |
| Fuq il-Fosos- | Triq Merkanti l-isfel. |
| Il-Barriera- | ix-Xatt taħt il-Barrakka t'isfel. |
| It-Triq tal-Fjank- | Triq fejn l-Istazzjon tal-ferrovija- Ħdejn it-Teatru. |
| Fuq il-Palma- | il-Pjazza ta' ħdejn l-Auberge d'Aragon. |
| Il-Mandraġġ- | Lejn Triq San Mark. |

# SANT' ANNA FIL - FOLKLOR MALTI

**Guido Lanfranco**

**Il-Bidu** Meta Duzina għamel iż-żjara appostolika fl-1575 kien ġa ltaqa' mad-devozzjoni lejn Sant'Anna f'Malta, għax f'Hal Qormi u f'Għawdex kien hemm kappella dedikat għaliha, iżda jingħad li il-ġiżwita Malti Pietro Sabuco kien xerridha ħafna fis-seklu sbatax.(1) Antikament, fis-seklu għaxra, meta kienet issir il-festa tal-Kunċizzjoni tal-Madonna, kienet tkun ċelebrata bħala l-festa ta' Sant' Anna, għal ommha, u kient tissejjaħ il-Kunċizzjoni ta' Sant'Anna. (2)

Fis-seklu sitta ġa kien hemm knisja ta' Sant'Anna f'Kostantinopli, iżda meta bdiet tiżdied id-devozzjoni lejn il-Madonna, hekk żdiedet magħha ta Sant'Anna. Il-knisja fil-lvant u l-punent tvarja l-iżvilupp tal-kult lejn Sant'Anna, b'diversi modi, u f'xi artijiet, bħal l-Ingilterra, il-festa ta' Sant'Anna ġa kienet saret kmandata fl-1382, u f'artijiet oħrajn fl-1584. Ma' San Ġwakkin, S. Anna kienet dejjem meqjusa bħala omm ta' familja mudell bħal Marija u Ġużeppi. Fil-kontinent, minbarra protettriċi ta' diversi fratellanzi, kienet wkoll meqjusa bħala l-padruna tal-baħħara.(3) Għalkemm Anna u Gwakkin mhumhiex imsemmijin fl-Iskrittura, il-kitba tradizzjonali ta' l-Apokrifa jew protoevanġelika ta' San Ġakbu jidhru mfasslin fuq in-narrativ fejn Samweli twieled minn Hanna (=Annah, =Anna).(4) Aħna niċċelebraw il-festa ta' Sant'Anna ma' dik ta' San Ġwakkin, fis-26 ta' Lulju, iżda dan ta' l-aħħar fl-imgħoddi kellu l-festa fis-16 ta' Awwissu.

**Protettriċi** Sant'Anna hija l-qaddisa pretettriċi tal-Bretanja fi Franza, u ta' Quebec fil-Kanada, Fil-medju evu kienu jqabblu l-Madonna u Ġesu mal-fidda u d-deħeb rispettivament, u kienu jqisu lill-Sant'Anna bħala sors li minnu ħarġu minerali prezzjużi, u għalhekk f'xi artijiet kienu jqisu l-Sant Anna bħala protettriċi addattata għal dawk li jaħdmu fil-minjieri tad-deheb u l-fidda,(5) Minħabba li fl-Ordni ta' San Ġwann kien hemm għadd kbir ta' Franċiżi, id-devozzjoni lejha deheret tiżdied f'Malta wkoll. Imma hija protettriċi tan-navigaturi u baħħara, u billi l-Ordni ta' San Ġwann kienet forza navali, kellha devozzjoni kbira lejha.(6) Meta l-Ordni ta' San Ġwann ġiet Malta, waslet ukoll relikwa ta' l-id ta' Sant'Anna, li

mbagħad tqegħdet fil-kappella ta' San Karlu Borromeo fil-knisja ta' San Ġwann,tal-Belt ma' relikwi oħra.[7] Il-kapitana (jew *flagship*) ta' l-Ordni issemmiet għal-Sant'Anna diversi drabi. Kien hemm bċejjeċ tal-baħar li semmewhom għaliha, fosthom waħda b'112 kanun, oħra li nqabdet mit-torok fl-1570., minbarra li kellhom ukoll bċejjeċ imsemmijin għal San Ġwakkin,[8]

Fost il-Maltin din il-qaddisa aktar tidħol f'sitwazzjonijiet fejn nisa mingħajr tfal jitolbuha, kif ukoll nisa li se jwelldu jew li jibżgħu minn xi mard u problemi fil-ħlas, jew fit-trabi tagħhom. Dawk li jkun se jkollhom tfal wara ħafna żmien, bħal Sant'Anna, jitolbu l-għajnuna tagħha wkoll. Minħabba din id-devozzjoni ta' ommijiet fit-tqala u t-twelid, lil Sant'Anna kienu jafuha bħala protettriċi tal-miludin, minbarra li kienu jitolbu l-qaddisin oħrajn tradizzjonali bħal Santa Lukarda, San Kaloġeru, Santa Rożalija, San Spiridjun u San Rajmondu Nonnato. L-ommijiert jitolbu l-għajnuna ta' Sant'Anna mhux biss fil-problemi tat-tqala, iżda wkoll fil-mard ta' uliedhom u tagħhom ukoll jekk ma jkunx assoċjat mat-twelid, bħalma jider mir-rapporti li kull sena jiġu pubblikati mis-santwarju ta' Sant'Anna tad-Dwejra.[9]

Fil-knisja tal-Karmnu tal-Belt kienu jużaw ix-xbiha tagħha fuq l-altar ta' Sant'Anġlu għad-devozzjonijiet ta' l-ommijiet, fejn il-festa tagħha kienu bdew jiċċelebrawha sa mill-1748. u saru fondazzjonijiet u indulġenzi fl-1893 u 1911, u għal San Ġwakkin fl-1951.[10]

Fost dak li ġbart direttament minn ħalq il-poplu, hemm dawn ir-rimarki: "Il-ġurnata ta' Sant'Anna, dejjem kif nismagħhom jgħidu l-antiki, nhar it-Tlieta tkun il-ġurnata tagħha. Kienu jixgħelu xemgħa, xemgħa kwalunkwe, nhar ta' Tlieta, kienet tgħid in-nanna, u jgħidu l-kurunella ta' Sant'Anna. L-aktar li kienu jiddedikaw il-kurunella għal dawk li jkunu se jsiru ommijiet u jkunu f'diffikulta, għax kienet omm il-Madonna" [11]

"Għadi Santa ta' Sant'Anna bit-talba li għandha tingħad minn dawk in-nisa li se jsiru ommijiet ; bil-Malti (tal-1955), u hemm min irid xemgħa ta' Sant'Anna; għal din wieħed irid jirrikorri għand il-kappillan ta' Wied il-Għajn." [12]

"Meta kien se jkolli l-*baby* fis-snin erbgħin, il-mama tiegħi kient tgħidli: "Binti itlob lil Sant'Anna." u kont ngħidilha : "Għaliex lil Sant'Anna?" u kienet tgħidli: "Għax Sant'Anna omm il-Madonna; għidilha Sant"Anna, agħtini xbiha tiegħek u t'Alla" . . . .biex ngħidha kull meta niftakar." [13]

"Ommi kient tixtri xemgħa mill-knisja ta' Sant'Anna ta' Marsaskala, u meta xi waħda minn uliedi tibda l-*labour,* nagħmel din ix-xemgħa, u nħalluha mixgħula sakemm nieħdu l-aħbar li it-tarbija tkun twieldet qawwija u sħiħa." [14]

Fi żmien l-Ordni kien twaqqaf dak li konna nsejħu l-Monte di Pieta, fejn il-foqra jew dawk li jkunu f'qagħda finanzjarja ħażina, settgħu jirhanu oġġetti prezzjużi; dan fil-bidu tiegħu, fl-1598, kien magħruf bħala *Monte di Sant'Anna*, għax kif għedna, kienet il-qaddisa protettriċi tal-marina jew baħħara, bħalma kienet l-Ordni stess.

**Pellegrinaġġi** Meta id-Dumnikani tal-Belt lestew il-knisja tagħhom, sa mill-1601 bdew jagħmlu pellegrinaġġ għall-kappella ta' Sant'Anna fil-Forti Sant' Jiermu biex jiċċelebraw il-festa tagħha.[15] Pellegrinaġġi kienu jsiru wkoll f'okkażjonijiet ta' diżastri għal diversi knejjes u qaddisin, imma għal 'Sant' Jiermu wkoll kien sar pellegrinaġġ fl-1692 minħabba li kienet sena niexfa, biex jitolbu għax-xita.[16]

Fl-Ewropa kien hemm id-drawwa li fil-pesta, kienu jirrikorru bit-talb għand xi sitta u għerbin qaddis differenti, iżda dejjem aktar lil Santu Rokku, San Sebastjan, u lil Sant'Anna, Hawn Malta, minbarra lill-qaddisin titulari ta' l-irħula, kienu jitolbu l-aktar lil Santu Rokku, 'l-Madonna, Sant'Anna, u San Sebastjan. Fi żmien il-pesta tal-1676 in-nies ta' L-Imdina rrikorrew lejn Sant'Anna biex tidħol għalihom f'ġieħ il-merti tad-demm imxerred minn Ġesu Iben bintha Marija, u wegħdu li jakkumpanjaw il-kapitlu tal-katedral meta dawn imorru jwettqu l-wegħda tagħhom fil-parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat. Minbarra dan wegħdu wkoll li joffru, permezz ta' erba' membri tal-universita ta' L-Imdina, erba' xemgħat kbar u bandalora tal-ħarir aħmar bix-xbiha ta' Sant'Anna; din il-bandalora kella tibqa tfakkarhom f'din il-wegħda kull darba li toħroġ fil-festa tagħha. Fl-istess sena, f'April, il-kapitlu kien wiegħed li jagħmel donazzjoni ta' sett abiti tal-ħarir għall-quddies, lill-altar ta' Sant'Anna, u kull sena jagħtu żewġ xemgħat ta' tlitt artal il-waħda. Iddeċieda wkoll li jagħmel proċessjoni votiva fis-26 ta' April, għall-altar ta' Sant'Anna u jiċċelebraw quddiesa kantata għall-maħfra tad-dnubiet u l-waqfien tal-pesta. Din il-proċessjoni kella tkompli ssir kull sena bl-akkumpanjament tal-ornijiet reliġjużi tar-Rabat u l-Imdina.[17]

**Fil-Folklor Orali** Hemm għadd ta' taqbiliet u għajdut popolari li fihom tidħol Sant'Anna. Fost dawn hemm waħda mifruxa ħafna li turi id-dedikazzjoni tal-jiem tal-ġimgħa:

It-Tnejn ta' L-erwieħ, It-Tlieta ta' Sant'Anna, L-Erbgħa tal-Karmnu, l-Ħamis ta' L-Ispirtu S-Santu, Il-Ġimgħa tal-Passjoni, is-Sibt tal-Kunċizzjoni, Il-Ħadd ta' Ħadd għax il-festa ta' kulħadd.(18)

Tal-Ħadd ġie li tingħad:

"Il-Ħadd t'Alla Waħdu" (19)

Taqbila mill-aktar popolari hi:

Sant' Anna u San Ġwakkin / Il-Madonna bil-Bambin,

X'xorti kellek int Sant'Anna / Il-Bambin sejjaħlek nanna.

Jew tispiċċa bil-varjanti:

X'xorti kellha dik Sant' Anna / Il-Bambin jgidilha nanna.(20)

Ġie li wara l-istrofa jkomplu jżidu:

X'xorti kellu San Ġwakkin / Għax kien jerfa' lil Bambin.

Wara li rajna kemm Sant' Anna u San Ġwakkin jissejħu nanniet minn Ġesu stess, ta' min jiddeċidi li minbarra l-*Mother's Day* f'Mejju u l-*Father's Day* f'Ġunju, jibda jkollna ċelebrat ukoll Jum in-Nanniet fis-26 ta' Lulju fuq skala nazzjonali.[21]

Taqbiliet oħrajn huma dawn:

Sant' Anna omm il-warda / Sant' Anna omm il fjur,

Sant' Anna omm il-Madonna / Tiġi n-nanna ta' Ġesu. (22)

F'wieħed mis-sunetti għall-festa għall-festa tal-Bambina fl-Isla, miktub minn Mary Meilaq, kien hemm strofa li tgħid:

Ħelwa Bambina, ohla mill-manna,

Ċkejkna ċkejkna f'idejn Sant'Anna (23)

Hemm logħba bil-kliem li fiha hemm taqbil għat-trabi u tfal ċkejknin fil-waqt li wieħed jifthilhom is-swaba u jmisshomlhom wieħed wieħed. Tintlgħab ukoll b'għadd ta' tfal li flimkien joħorġu seba wieħed u min jgħoddhomlhom waqt it-taqbila, jieqaf fuq seba ta' xi ħadd, u dak joħroġ mill-logħba, sakemm jibqa' biss wieħed li jkun ir-rebbiegħ. Versjoni oħra tal-logħoba hi fejn dak li tieqaf fuq sebgħu it-taqbila, joħroġ seba ieħor u jkompli fil-logħob; u jirbaħ min jirnexxilu

jiftaħ is-swaba kollha. It-taqbila ftit tagħmel sens, iżda għall-logħob tat-tfal biżżejjed ikun hemm ir-rima u ritmu. Nisimgħuha f'diversi varjanti :

Pizzi pizzi kanna / Dolores di Sant' Anna;

Sant' Anna tal-morina / Ħabba biċċa pellegrina,

Magħref tal-fidda / Bandieri tal-ħarir,

Noli kannoli / nsara qaddisin [24]

Din għandha bosta varjanti, fejn il-linji jinbidlu waħda m'oħra, il-kliem ivarja fil-vokali, eċċ. bħal: "tatni" biċċa pellegrina, "marina" minflok morina, "mgħarfa" flok magħref, U sikwit tispiċċa:

It-Torok kanalja, / l-insara qaddisin [25]

Ta' min jgħid hawn li Sant'Anna "tal-morina" jew "marina" tirreferi għaliha bħala protettriċi tan-navigaturi u baħħara. Pellegrina tirreferi għal drapp ta' xi mantar jew kappa.

Oħra ftit itwal:

Pizzi pizzi kanna / Kemm inħobbha 'l-dik Sant' Anna,

Sant-Anna tal-Muxin / Ġibli porga pellegrin;

Magħrfa tal-fidda / Bandiera tal-ħarir,

Torok kanalja / Nsara qaddisin,

Ħawt ta' l-ilma mbierek

Mnejn jixorbu n-nies fqajrin. [26]

U terġa oħra li tispiċċa:

Dudu dudu tela' ma' saqajja / ċiċċi bilqegħda,

Mela one, two, three. .[27]

Hemm ukoll għadd ta' taqbil popolari f'għamla ta' *quatrains* li jingħadu għal skopijiet umoristiċi, li jdaħħlu isem Sant'Anna biss għax huwa isem ta' post. Dawn kollha jibdew l-istess, iżda jkomplu bi kliem ji huwa varjabbli ħafna; hawn tlieta minnhom:

Tlajt it-telgħa ta' Sant'Anna / Rajt iż-żraben ta' l-alakka,

Għedt lil ommi tixtrili wieħed / Qaltli "le" u tatni daqqa.

Tlajt it-telgħa ta' Sant'Anna / Rajt l-imkatar tal-ħarir
Għedt lil ommi tixtrili wieħed / Qaltli "ruħi dawk għaljin."[28]

Tlajt it-telgħa ta' Sant'Anna / Rajt iż-żraben ta' l-alakka,
Għedt lil ommi "ixtrili wieħed"Qaltli "le dawk kollha kakka." [29]

It-telgħa ta' Sant'Anna kienet id-daħla lejn il-Furjana, fejn kien hemm in-niċċa taħt il-mina; issa hemm oħra mas-swar tal-Bombi minflokha.

Biċċa minn taqbila bla sens iżda maħbuba fost il-poplu kienet din:

Sejra nersaq / fuq il-mejda ta' Sant'Anna
Kollha ħlewwa, / Kollha manna. [30]

u qawl li jingħad dwar l-isem ta' din il-qaddisa hu"

Anna dejjem Anna, / Minn wara jew minn quddiem . . .

għax jinqara listess jekk tibdih minn wara.

**Talb u Superstizzjoni** Klulħadd jaf li hemm bosta superstizzjonijiet fost il-poplu; dawn huma kollha twemmin bla bażi u ta' min jinjorahom u jeqridhom, għax ibaxxu l-intelliġenza tal-bniedem. Fosthom hemm dik ta' l-għajn ħażina li ilha mifruxa fost bosta ġnus sa mill-qedem, u tħalltet ma' talb u kliem li kien jingad mis-superstizzjużi. Ma' bosta minn dawn insibu uħud li jdaħħlu l-Sant' Anna bħal Pilatu fil-Kredu. Waħda minnhom, li kienet tingħad waqt it-tbaħħir kontra dawk li is-superstizzjużi ddeċidew li jgħinu b'għajn ħażina, bħafna tlablib li ma jfisser xejn u ċermonji, hija din:

Sejjer inbaħħrek jien, f'Isem il-Missier;
Ifejqek Alla mingħajr duwa, / U anqas ugigħ;
Il-Missier iħenn l-Iben ineħħi; l-Ispirtu s-Santu jkeċċi;
Kollha s-setgħa tal-Missier,/ Kollha s-setgħa ta' l-Iben,
Kollha s-setgħa ta' L-Ispiortu s-Santu Alla;
Izakk, Abel, Abram, Mose, / Sant'Anna u l-Madonna,
Iqattgħu dan l-ugigħ u fil-baħar jarmuh,
U li għal dana l-ġisem / Qatt ma jkun suġġett għalih
Hekk ikun, Hekk ikun . . [31].

Għamla ta' talba antika u komuni ta' qabel l-irqad, kienet tibda hekk:

Sejra norqod u nistrih / Għal Alla u għall-erwieħ,
Sejra norqod u nirpoża / Noffri ruħi l-Santa Roża;
Sant'Anna, San Barnabaw
Jekk hawn xi ħaġa ħażina,
Keċċiha l-barra bogħod minn hawn. . [32]

Din twila aktar minn hekk, iżda l-biċċa ta' San Barnabaw tiħol spiss f'taqbiliet fis-superstizzjoni tat-tbaħħir.

Għamla ta' talba popolari kontra l-mewt ħażina kienet ukoll tinkludi l-Sant' Anna u tingħad taħt diversi forom. Hija twila xi erba' u għoxrin vers li tagħhom hawn jidhru l-aħħar ftit:

Ara t-Trejqa ta' Sant'Anna,/ kollha ward u kollha fjuri;
Imsoqqija bl-ilma tal-Ġenna / Maħduma mill-konfessuri;
Dak il-Ġnien minn ta' Sant' Anna / Kollu ward u ġiżimin,
Imsoqqi bl-ilma tal-Ġenna / U magħmul bil-qaddisin.[33]

Fit-tbaħħir superstizzjuż, kienu jgħidu wkoll:

Sant' Anna u San Ġwakkin / Il-Madonna u l-Bambin,
Jilqgħu dat-tbaħħir! . . . .[34]

u wkoll parti minn kliem ieħor:

(l-ewwel Salve Regina u Kredu)
Sant' Anna u San Mikiel / Ġejjin mill-għawajjar ta' Betlemm. .[35]

Hawn ta' min jgħid li "It-Triq ta' Sant' Anna" msemmija aktar il-fuq, hija terminu astronomiku li jirreferi għal dik il-massa ta' stilel li bl-ingliż nafuhom bħala il - *Milky Way.* Din ġejja minn leġġenda popolari Ewropea li tgħid li waqt li Sant' Anna kienet qed tredda' lill-Madonna bdew jaqgħu il-qtar li jiffurmaw l-istilel.[36]

Bħal diversi aspetti oħra nsara, din hi leġġenda mfassla preċiż fuq oħra mitoloġika jew pagana, fejn Ġunone, waqt li kienet tredda' lill-Erkole ħalliet jaqgħu xi qtar li ffurmaw dik ix-xmara ta' stilel.

**Fil-Kalendarju Folkloristiku** Fost il-qwiel li għandhom x'jaqsmu mat-temp u l-biedja, hemm xi ftit li jsemmu l-Sant' Anna:

Xita għal Sant'Anna bikrija, Meta tagħmel beraq u sajjetti jkun fiha.

Irtridu niftakru li fl-imgħoddu ma kienux jużaw il-kalendarju, iżda jirreferu għall-qaddisin u l-festi għaż-żminijiet tas-sena.

It-tin jibda jbexxaq fommu bejn Sant-Anna u San Ġwakkin.

Għalkemm issa niċċelebraw Sant'Anna u San Ġwakkin flimkien, dari kienu spazjati, għax Sant'Anna f'Lulju u San Ġwakkin f'Awwissu.

Bejn Sant' Anna u Santa Vendra it-tin jibda jbexxaq fommu. (37)

Ġie li t-tfal kienu jilgħabu dawra durella u fost bosta kliem ieħor kienu jkantaw dawn il-versi:

Sant' Anna u San Ġwakkin / Jibda jbexxaq fommu t-tin! (38)

Billi għadna kif rajna li daħlet Santa Venera (li bosta Maltin jgħidulha Santa Vendra!) għandna aspett ieħor fil-kalendarju popolari. Il-festa ta' Santa Venera taħbat fis-27 ta' Lulju, jum wara ta' Sant'Anna. Għalkemm issa qed tiġi ċelebrat l-festa tagħha, dari ma kienetx issir, għax Santa Venera l-Ħamrun, sal-1904 kienet għadha villeġġatura tal-Ġiżwiti, il-Karmelitani daħlu fl-1912, fl-1918 saret parroċċa, u l-istatwa li toħroġ fil-festi saret fl-1919. Imma fir-raba' Ħadd ta' Lulju in-nies minn bosta nħawi sa minn kmieni filgħodu kienu jmorru bil-karrettuni lejn il-knisja ta' Santa venera biex jiċċelebraw il-festa ta' Sant' Anna fejn kienet issir priedka fil-beraħ. Hemm kienu jarmaw bħal suq jew fiera qisha ta fuq il-Monti tal-Belt, fejn minbarra ilbies, inkwadri, fuħħar, ċaqquf, ħlewwiet u ikel, kien ikun hemm ħafna ġugarelli magħmulin bl-idejn, fosthom għamara tad-dar tal-pupa għall-bniet u attrezzi għal-logħob tal-mudelli tal-knejjes għas-subien. (39) "Konna mmorru Santa Vendra u kien ikun hemm ħafna toys magħmulin bl-idejn. . . . karrettuni, għamara, u hekk. . . f'Sant'Anna; u gwardarobbi tal-bniet u ħafna affarijiet magħmulin fl-idejn. . karrettuni bil-meżeż tal-ħaxix . . . " Kienu jgħidu "Sant'Anna festa tat-tfal!"; lil Santa Venera ma kienux jagħmlulha festa f'dak iż-żmien.

Fil-festa ta' Sant' Anna kienu jsiru diversi attivitajiet fl-imgħoddi. "Dwar Sant' Anna, fis-26 ta' Lulju kienet tkun festa pubblika. in-nisa ta' l-irħula, meta kien ikollhom xi xebba għaż-żwieġ, kienu jinżluu il-Belt biex jixtru xi ħaġa għad-dota, mbagħad jgħaddu San Kalċidon il-Furjana u hemm kienu jqerru il-qrara ta' qabel iż-

żwieġ kienu jgħidulha. l-Isla, taħt il-mina l-antika, hemm niċċa ta' Sant' Anna u l-mama tiegħi tgħidli, li ommha kienet tgħidilha, li bħalma f'Lapsi kienu jinżlu jbierku l-baħar u r-riħ, fl-antik, fl-Isla, kienu jinżlu jbierku din in-niċċa fil-festa tagħha f'Lulju. Il-mama kont nismagħha tgħidli dawn l-affarijiet." [40]

Dik li kienu jmorru jixtru d-deheb għat-tfajliet f'jum Sant' Anna tista' tgħid li dejjem tissemma, għax kienet magħrufa ħafna.[41]

"Meta kont żgħira, fil-festa ta' Sant'Anna, tant kellhom devozzjoni fl-Imġarr, li għalihom kienet qisha festa kmandata . . . fis-26 ta' Lulju. Fil-knisja l-quddies bħal ta' nhar ta' Ħadd. Ħadd ma kien joħroġ jaħdem fir-raba', ħadd; kienet qisha kmandata. Kienu kollha bdiewa, sa xi tletin sena ilu. Billi ma kienux imorru fir-raba', kienu jieħdu l-okkażjoni jmorru l-Belt biex jixtru id-deheb għax-xebbiet tagħhom. Kienet tradizzjoni dik; kienu jgħidu "Sant-Anna . . sejrin biex nixtru d-deheb!" Tkun waslet il-festa ta' Santa Marija; ma kienux jistgħu jitilfu ġurnata xogħol, allura kienu jieħdu l-okkażjoni biex wara l-quddiesa jibqgħu sejrin il-Belt biex jixtru d-deheb . . . . " [42]

Il-festa ta' Sant' Anna, tqanqal għemil ieħor fost il-bdiewa u ħaddiema oħrajn. Għal ħabta ta' Sant' Anna inaddfu l-qolol u jagħsru l-għasel mix-xemgħa, l-aktar fl-inħawi tal-Mellieħa; fl-istess żminijiet kienet wkoll issir l-ewwel ġabra tal-melħ mis-salini.[43] Il-bdiewa wkoll ma jaqalgħux il-basal qabel Sant' Anna . . . . jgħidu li f'dak iż-żmien ikun nixef sewwa. [44]

Attivita oħra komuni li konna naraw fil-festa ta' Sant' Anna jew qribha fl-imgħoddi, kienet il-ħasil tas-suf tas-saqqijiet fl-ilma baħar. Kienu jimlew is-saqqijiet bis-suf, tan-nagħaġ, imma dan kien ikollu jitfettaħ kull ftit żmien, għax jiċċattja wisq. Dan ix-xogħol l-aktar kien isir fis-sajf, biex jaħslu s-suf u jnixxfuh qrib il-baħar, fl-istess ħin jinqatlu bosta nsetti li jinġabru fih tul is-sena. "Aħna konna nfettħu s-saqqijiet qabel immorru villeġġatura fis-sajf, għax ommi kienet tħobb ikollha is-saqqijiet lesti. Dan kellu x'jaqsam ma' Sant'Anna. . . . . Allura kienu jinżlu l-baħar ħafna niesu jaħslu s-suf hemm, għax jgħidu: "Sant' Anna il-lum!". . . . għas-saqqijiet u l-imħaded. [45]

Sant' Anna daħlet ukoll fit-tiġrijiet ta' żmien l-Imnarja fis-seklu tmintax. Fl-Imnarja kienu jsiru diversi tiġrijiet bil-bhejjem, imma kienet issir ukoll ta' l-irġiel ħafjin. Biex it-tiġrijiet ta' l-irġiel ma jsirux ma' dawk tal-bhejjem, kien ġie deċiż li

dawn jibdew isiru fl-Imdina fil-festa tal-Karmnu. Iżda l-universita, fl-1748, kienu reġgħu iridu jċaqalqu din it-tiġrija għal jum Sant'Anna fl-Lulju, u jsiru fir-Rabat minflok fl-Imdina. Minħabba f'hekk inqalgħet kwistjoni, u kellu jkun l-intervent tal-ħakem biex almenu jibqgħu isiru fl-Imdina f'Tal-Karmnu,(46) fejn għadhom isiru sa l-lum.

**Kappelli u Knejjes** Fiż-żminijiet tagħna nsibu għadd ta' kappelli dedikati lil Sant' Anna, u altari f'diversi parroċċi u knejjes, iżda kien hemm oħrajn rurali li spiċċaw.(47) Il-knejjes preżenti u tal-passat juru li Sant' Anna kienet u għadha parti mill-ħajja mhux biss tal-poplu Malti, iżda dawk li jinsabu f'Sant Anġlu u f'Sant Iermu juruna kif l-Ordni ta' San Ġwann saħħet id-devozzjoni lejha. Dan l-aħħar, fl-1998, l-inħawi ta' Little Armier minn fejn kien inqata' l-ġebel għall-bini tal-knnisja parrokkjali tal-Mellieħa, ġew dedikati lil Sant' Anna minħabba li hi omm il-Bambina, u saret statwa minn Ġanni Bonnici. (48)

Assoċjata mal-kappella ta' Sant' Anna f'Sant Iermu, fi żmien l-Ordni fis-seklu sbatax kien hemm sodalita jew kongregazzjoni ta' Sant' Anna, għas-suldati u l-familjari tagħhom,(49) ; din l-għaqda kienet ukoll tieħu ħsieb tagħmel il-funerali għall-membri tagħha fejn tnax il-sieħeb iżommu xemgħabl-immaġini ta' Sant' Anna u n-nativita tal-Madonna.(50) Fil-kulleġġ tal-Ġiżwiti l-Belt Valletta, kien hemm ukoll sodalita Tal-Kurċifiss, Tad-Duluri u Ta' Sant' Anna.(51)

L-aktar li jispikkaw fil-preżent, huma il-knejjes ta' Sant'Anna ta' Wied il-Għajn u tad-Dwejra. Wied il-Għajn sar viċi parroċċa fl-1918 u parroċċa fl-1949. Minbarra l-knisja ż-żgħira l-qadima, bdiet tinbena oħra ġdida fl-1953. Hija ċentru ta' devozzjoni lejn din il-qaddisa. Hija santwarju għall-ommijiet u n-nanniet, fejn jippreżentaw it-trabi u jirrikorru għall-għajnuna fil-mard u problemi oħra. Jintużaw ukoll xemgħat ta' Sant' Anna għad-devoti li jridu jixgħeluhom b'xi talba speċjali.Hija l-unika parroċċa fil-gżejjer tagħna dedikata għal Sant' Anna. Issir il-festa bil-kbir, bil-quddies, paneġierku, proċessjoni bil-vara, tiġrijiet tad-dgħajes tal-qlugħ, kant folkloristiku, u marċijiet; twaqqfet ukoll il-Banda Sant' Anna fl-1994.

Fid-Dwejra Għawdex insibu l-knisja ċkejkna ta' din il-qaddisa. Nbniet fl-1963 u hija ċentru ta' devozzjoni kbira, b'ħafna attivitajiet. Jiġu preżentati fiha it-trabi, u bosta ommijiet jagħmlu wegħdiet lil Sant' Anna mhux biss fejn tidħol it-tqala u t-

trabi, iżda f'kull gwaj ieħor li jista jinqala'. Minn hemm jitqassmu għadd kbir ta' santi, kuruni, domni, talb, kotba u ssir ukoll fiera tradizzjonali. Fil-festa tas-26 ta' Lulju, isiru attivitajiet apposta, bħalma huma quddies u funzjonijiet għal miżżewġin friski, biex jippreparaw għat-trabi, paneġierku, kor, preżentazzjoni ta' trabi u *healing service.* [52] Għal bosta nies, il-festa ta' Sant' Anna tad-Dwejra hija wkoll il-jum li fih jieħdu l-ewwel għawma.

Fiż-Żebbiegħ, limiti ta' l-Imġarr, fil-bidu tas-snin disgħin, ħasbu biex jibdew jibnu knisja dedikata lill-Sant' Anna, li tagħha, kif rajna qabel, kienu tant devoti fl-imgħoddi. Bdiet tinbena fl-1990, u f'dik is-sena l-bdiewa ċċelebraw quddiesa ħdejn it-tempji ta' l-Iskorba, fil-festa ta' Sant' Anna. [53]

Imxerrdin ma' Malta hawn bosta niċeċ u statwi fit-toroq uħud minnhom mal-faċċata tal-knisja, li jkomplu juru id-devozzjoni lejn il-qaddisa.[54] L-aktar niċċa ta' Sant' Anna magħrufa għax jgħaddu minn quddiema n-nies ta' Malta kollha, hija dik tal-Furjana mas-sur, bejn il-Bieb tal-Bombi u l-Funtana ta' L-Iljun. Dari hemm kien magħluq u kont tidħol għall-Furjana minn telgħa u tgħaddi mill-mina ta' Sant' Anna. Billi hemm kien ikun hemm venda tal-karrozzini, il-karrozziera dejjem kienu jsellmulha kull daħla u ħarġa. In-niċċa ta' issa m'hix l-oriġinali. Meta tneħħew is-swar u l-bibien tal-Bombi u ta' Sant' Anna li minnhom kienu jidħlu għall-Furjana, in-niċċa kienu neħħewha, u partijiet minnha għadhom miżmuma fil-mużew tal-kapuċċini tal-Furjana.[55] Madankollu hija miżmuma sewwa, u hija dejjem tifkira tal-qima popolari lejha minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann sa żmienna.

**Kurżita u l-Aħħar Ħsieb** Dun Tarcisio Agius, li tant kien devot u ħerqan lejn il qaddisa Sant' Anna, kien viċi kurat mill-1943 sal-1949, meta mbagħad sar l-ewwel kappillan mill-1949 sal-1966, Il-kurżita dwaru hi li kien ġie ordnat saċerdot fil-festa ta' Sant'Anna, 26 ta' Lulju 1937, u l-aħħar quddiesa li qaddes kienet ukoll fil-festa tagħha fis-26 ta' Lulju 1966, u miet ftit jiem wara, fit-30 ta' Lulju.[56]

Dun Ġorġ Preca, il-fundatur tal-M.U.S.E.U.M., li kien tant devot ukoll ta' Sant' Anna, u li kien ta parir lil Dun Tarċisio fil-għażla tat-titular biex ikun Sant' Anna, miet nhar Sant' Anna fis-26 ta' Lulju 1962.

**Referenzi**


1. CASSAR PULLICINO, Ġ *L-Imgħoddi tal-Ġens Tagħna* (1990) p.38
2. WALSH, MICHAEL *A Dictionary of Devotions* Burns & Aoats (1993)
3. JONES, ALISON *The Wordsworth Dictionary of Saints* (UK 1992)
4. BENTLEY, JAMES *A Calendar of Saints* (London 1979) p.141
5. WALSH, MICHAEL *Butler's Lives of Patron Saints* (Lond,1987) p.53
6. ELLUL, MICHAEL *Fort St. Elmo, Malta* (1988) p.43
7. ATTARD, ANTON "Id-Devozzjoni Lejn Sant' Anna fil-Gżejjer Maltin' I & II *Leħen is-Sewwa* (21 & 28 Lulju 1990); "Id-Devozzjoni Lejn Sant' Anna" *Il-Ġens* (27 Lulju 1990); "Sant' Anna u l-Gżejjer Maltin" *Sant' Anna* Programm festa Dwejra (1991); ZAMMIT CIANTAR, JOE *A Benedictine's Notes on Seventeenth Century Malta* (1998) p.117
8. WISMAYER, JOS.M. *The Fleet of The Order of Saint John 1530-1798* (1997) p.16, 70, 71, 232, 233, 241, 248, 258
9. *Sant' Anna* Programmi tal-festa fid-Dwejra, San Lawwrenz, Għawdex (1995-'98)
10. SAMMUT, LAWRENZ m. *Is-Santwarju Tal-Karmnu* (1952) p.66
11. Qalithieli mara mill-Qala 20-8-1994
12. Qalithieli mara 31-8-1993
13. Qalithieli mara 20-7-1994
14. Qalithieli mara 20-7-1994
15. FSADNI, M *Id-Dumnikani Fil-Belt 1569-1619* (1971) p.124
16. ATTARD, ANTON "Id-Devozzjoni Lejn Sant' Anna fil-Gżejjer Maltin" *Sant' Anna* Programm Festa Dwejra (1993) p.3-5
17. MICALLEF, JOSEPH *The Plague of 1676* (1985) p.53, 55
18. AQUILINA, J. "Popular Witty Retorts" *Journal of Maltese Studies* (No.10 1975 p.65
19. ATTARD, ANTON F. *Mill-Folklor Ta' Għawdex* (1986) p.4
20. ATTARD, ANTON F. *op.cit.* p.4; Qaluli Attard Goeffrey, Rabat Għawdex, 25-5-1993, u Farrugia Frans, Ħal Għaxaq, 2-8-1995
21. Fit-taħdita tiegħi "Sant'Anna Fil-Folklor" bażata fuq din il-kitba, waqt is-Seminar Nazzjonali dwar Sant' Anna mniedi mill-Parroċċa ta' Wied il-Għajn 17-1-1999, issuġġerejt li bħalma għandna il-*Mother's Day* f'Mejju, u il-*Father's Day* f'Ġunju,

ikun xieraq li jibda jiġi ċelebrat *Jum in-Nanniet.* Dan is-suġġeriment ġie milqugħ biċ-ċapċip tal-ġemgħa kbira li kien hemm, u fid-diskussjoni ta' tmiem is-seminar kien hemm min reġa qajjem is-suġġett, fil-preżenza ta' l-Isqof Annetto Depasquale li kien fis-sedja. Dan is-suġġeriment tiegħi nispera li jseħħ mhux biss fuq skala parrokkjali, iżda wkoll nazzjonali.

22. ATTARD, ANTON F. *op.cit.* p.38
23. Qalituli Mary Haber mir-Raħal Ġdid dwar meta kienet toqgħod L-Isla, 9-8-1995
24. CASSAR PULLICINO, J. "Maltese Children's Rhymes and Poetry" *Journal of Maltese Studies* No.15 (1983) p.82; KILIN "Pizzi Pizzikanna" *Sagħtar* Ottubru 1994 p.6; kont nismagħha jien stess. qalithieli mara 8-6-1993
25. Kont nismagħha jien stess.
26. ATTARD, ANTON F. *Op.cit.* p.40
27. Qalithieli mara 29-12-1993
28. MANGION, FRANCESCO "Sant' Anna fil-Folklor Malti" *Il-Nosta* Sett.-Ott.1984; MEILAQ, JOSEPH "Sant' Anna fil-Folklor Malti" *Sant' Anna* Progr. Festa Dwejra (1989)
29. Kont nismagħha jien stess; 5-1-1994
30. CASSAR PULLICINO, J. *L-Imgħoddi tal-Ġens Tagħna* (1990) p.68
31. CASSAR PULLICINO, ĠUŻE *Skunġrar u Orazzjoni Fil-Poeżija Popolari Reliġjużi f'Malta* (1981) p.10; MIFSUD CHIRCOP, ĠORĠ *Manwel Magri, Ħrejjef Missirijietna* (1994) p.586
32. Qalithieli mara mill-Mosta 12-1-1994
33. CASSAR PULLICINO, ĠUŻE *Op. cit.* "Skunġrar. . . " p.37
34. CASSAR PULLICINO, ĠUŻE *Op. cit.* "Skunġrar. . . " p.10
35. CASSAR PULLICINO, ĠUŻE *Op. cit.* "Skunġrar. . . " p.11
36. AQUILINA, J. *Nomi Maltesi di Pesci, Molluschi e Crostaċei del Mediterraneao* (1969) p.4
37. AQUILINA, JOSEPH *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (1972) p.575
38. MANGION, FRANCESCO & MEJLAQ, JOS. *Op.cit.*
39. BUSUTTIL, V. *Holiday Customs in Malta* (1894) p.57
40. Qalhomli J.Mejlaq mill-Fgura, tfulitu fl-Isla 2-8-1995

41. MANGION, FRANCESCO & MEJLAQ, JOS. *Op.cit.*
42. Qalithieli mara mill-Imġarr,Malta 20-7-1994
43. MANGION, FRANCESCO & MEJLAQ, JOS. *Op.cit.*
44. L-istess mara mill-Imġarr, Malta, (ara 42)
45. Qalithieli mara 13-10-1993
46. BUHAGIAR, MARIO & FIORINI, STANLEY *Mdina, The Cathedral City of Malta* (1996) p.553, 560
47. ANTON, ATTARD *Op,cit.*; MANGION, FRANCESCO & MEJLAQ, JOS. *Op.cit.*; GALEA, MICHAEL *Grand Master Philippe Villier de L-Isle Adam 1521-1534* (1997) p.92,118; FERRES, ACHILLE *Descrizione Delle Chiese di Malta e Gozo* (1866) p.631,641; ELLUL, MICHAEL *Op.cit.* p.41; KILIN (=MICHAEL SPITERI) *A Maltese Mosaic* (1990) p.44 & *Osanna* (1978) p.51; TERRIBILE, TONY "Sant'Anna fil-Knejjes u t-Toroq Tagħna" *Sant' Anna* Progr. Festa, Dwejra (1988)
48. CARUANA, JOSEPHINE *Sant' Anna* Progr. Festa Dwejra (1998) p.32
49. ATTARD, ANTON *Op. cit.*
50. ELLUL, MICHAEL *Op.cit.* p.43
51. BONNICI, BRIAN *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta* (1998) p.15
52. BIANCHI, CARMEL "Il-Kappella ta' Sant' Anna fid-Dwejra, Għawdex" *In-Tagħna* (25-7-1983); FENECH, MARIO "Il-Kappella ta' Sant' Anna fid-Dwejra Għawdex" *In-Nazzjon* (30-3-1996)
53. "Festa ta' Sant' Anna fiż-Żebbiegħ" *Dawl il-Punent* (Lul.-Aww.1993); "Farmers Revive Traditional Feast" *The Times* (31-7-1990)
54. BUTTIEGIEG, ANTON *Leħen il-Qala* (Diċ.1986); TERRIBILE, TONY "Niċeċ u Statwi fit-Toroq tas-Siġġiewi" *Is-Siġġiewi*VIII No.2 (Ott.1979); VELLA APAP, NIKOL "Niċeċ fir-Rabat, il-Belt Kapitali ta' Għawdex" *Niċeċ f'Għawdex* kittieba diversi (1987) p.14
55. GALEA, JOSEPH "A Historic Shrine" *Telstar u Il-Berqa* (10-6-1970); PISCOPO, P.P. *Sant' Anna* Progr. Festa. Dwejra (1987); TERRIBILE, TONY *Il-Furjana* (Apr.-Diċ. 1988)
56. ABELA, JOE *Marsaskala. . . Wied il-Għajn* (1999) p.68

**XOGHOLIJIET MINN-MEMBRI TAL-GHAQDA TAGHNA PUBBLIKATI DAN L-AHHAR**

*Dawn li ġejjin huma kotba li waslu għand l-editur:*

**Jaccarini, Dr. Carol J.** IR-RAZZETT - THE MALTESE FARMHOUSE 1998

Dan il-ktieb huwa l-ewwel wieħed pubblikat li jiġbor fih dawk id-dettalji kollha li niltaqgħu magħhom fil-bini tal-kampanja tagħna. Min iħares sewwa bl-iskop li jifhem u mhux biss jara u jibqa għaddej, jinduna b'ħafna dettalji fl-arkitettura tal-bini popolari bħalma huma l-irziezet u djar ta' l-imgħoddi. Il-ktieb ta' 140 paġna huwa mimli b'ritratti li juru dak kollu li nistgħu niltaqgħu miegħu f'Malta u Għawdex, taħt dan is-suġġett. għalhekk dan huwa mhux biss xogħol ta' referenza għal bosta studjużi, iżda wkoll inqisu bħala reposżotorju li fih jibqgħu merfugħin il-kurżitajiet li hemm fil-bini tal-kampanja, ukoll jekk sfortunatament bosta minnhom ikunu destinati li jispiċċaw għal dejjem. Fost dak li nsibu riċerkat u illustrat f'dan il-ktieb hemm mhux biss irziezet, giren u gallariji tal-ġebel, imma wkoll il-karatteristiċi partikolari ta' toqob għax-xita, turġien. ħitan, mġiebaħ, arkati, mxatar, mrabat, ħarriġiet, kmamar differenti fid-dar u r-razzett, mħażen, mtieħen tal-miexi, barumbari, soqfa, bjar, bibien u twieqi, nemmisiet u muxrafa, niċeċ u arloġġi tax-xemx, u dak kollu li jagħti skop għal ħarġa interessanti fil-kampanja.

**Gatt, Ġużi** QIEGHDA FIL-PONTA TA' LSIENI 1999

Is-sotto titolu ta' dan ix-xogħol huwa "Għajnuna għal min jixtieq isib il-kelma t-tajba fi lsienu meta jiġi bżonnha". Pubblikat mill-Fondazzjoni Wirt Artna. Minflok issib dizzjunarju alfabetiku kif normalment wieħed jistenna jekk irid ifittex kelma, hawn għandna għadd ta' kapitli kull wieħed jiġbor suġġett wieħed, biex jekk trid issib kelma li għandha x'taqsam miegħu, u ma tafx x'inhi tista' tiltagħa magħha u bil-għajnuna tal-kuntest li fih tinsab, tkun taf aktar dwarha u kliem ieħor relatat magħha. Il-kapitli jittrattaw, fost aspetti oħrajn, dwar il-ġeoloġija ta' pajjiżna, arkitettura rurali, astronomija, temp, sajd, biedeja, strumenti mużikali tradizzjonali, bini u l-kumplament. Il-kliem prinċipali ta' kull taqsima, jinsabu miġburin skond is-suġġett f'miklem jew glossarju fl-aħħar tal-ktieb. Fl-opinjoni tiegħi, il-kapitlu dwar l-istrumenti tradizzjonali Maltin huwa l-aktar wieħed oriġinali u riċerkat, almenu l-aktar wieħed li jikkontribwixxa għall-aspett folkloristiku.

**Chetcuti, Ġużè** GHAR HASAN U HREJJEF OHRA 1998

Ġa kien ħareġ ieħor qablu jismu "Hrejjef ta' Ġaħan u Stejjer Oħra", Dawn iż-żewġ kotba huma għażla maqluba għall-Malti mill-oriġinal ta Aldo Farini "Fiabe, Tradizioni e Leggende Maltesi" li ħareġ fi tliet volumi fis-snin tletin. Għalkemm Għar Hasan jidħol taħt leġġendi u mhux ħrejjef, it-titolu jindika li l-ktieb jiġbor fiħ mhux biss ħrejjef, iżda wkoll leġġendi, fosthom, minbarra dik ta' Għar Hasan, hemm ukoll ta' L-Isperannza u tal-Maqluba, minbarra oħrajn Pawlini. Stampat b'ittri kbar, għandi naħseb mhux biss biex iħajjar lit-tfal, imma wkoll biex jistgħu jaqrawh in-nanniet lit-tfal, bħalma kienu jagħmlu fl-imgħoddi. Kotba ta' dan it-tip hemm bżonnom, fi żmien meta ż-żagħżagħ tagħna huma aktar profiċjenti dwar dak li hu barrani milli lokali.

KIEFER ID-DESTIN MA' NINA ROŻA 1999 Din in-novella tiżvolġi fis-snin ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, fi sfond ta' kwistjonijiet soċjo-politiċi meta kien hawn il-kwistjoni tal-lingwa. F'dan il-ktieb hemm diversi episodji interessanti, ukoll bi sfond tal-ħajja fil-Fontana u esperjenzi ta' l-awtur.

**Lanfranco, Guido** L-ISTORJA TAT-TRASPORT F'MALTA 1999

Dan huwa l-ewwel ktieb minn madwar sittin wieħed li se jidhru f'sensiela imsejħa "Kullana Kulturali". Huwa l-ewwel wieħed li jiġbor fih l-aspetti kollha tat-trasport fil-gżejjer tagħna. Dan ix-xogħol kellu l-bidu tiegħu meta fl-1981 l-awtur kien organiżża wirja dwar l-istorja tat-trasport għall-Għaqda Storika ta' Malta.

STATWI TITULARI U L-ISTATWARJI TAGHHOM 1999

Dan il-ktieb oriġina mill-1984, meta l-awtur organiżża wija dwar l-istatwi titulari f'Malta u Għawdex għall-istess Għaqda Storika ta' Malta. Minbarra dettalji dwar il-vari titulari tal-knejjes parrokkjali u oħrajn, jagħti wkoll informazzjoni dwar statwearji Maltin li ħadmu dawn l-istatwi titulari. Sfortunatament, bil-għaġgla ediotorjali, fit-taqsima tar-ritratti bil-kulur, ħallew barra dawk taż-Żebbuġ u tax-Xagħra t'Għawdex, filwaqt li dawk tal-Kunċizzjoni tal-Hamrun u t-tnejn tal-Kunċizzjoni ta' Bormla ddaħħlu oħrajn flokhom; madankollu fit-taqsimiet relevanti jidhru sewwa, għalkemm mhux bil-kulur.

*Qed inġibu hawn fil-qosor informazzjoni dwar kotba oħra minn membri tal-Għaqda, għalkemm dawn ma ntbagħtux lill-editur:*

**Cassar Pullicino, Ġuże** MALTESE ORAL POETRY AND FOLK MUSIC 1998

L-awtur huwa President Onorarju u wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tagħna. Dan il-ktieb maqsum fi tnejn; l-ewwel parti minn Ġuże Cassar Pullicino hija dwar l-għana u l-melodija Maltija u dak kollu assoċjat magħha, bħal vokabularju, għajjat tal-bejkjiegħa, parata, Maltija, eċċ. Issir referenza għal xi kitbiet li deheru f'L-Imnara. It-tieni parti minn Charles Camilleri tittratta dwar mużika bbażata fuq l-ewwel parti.

**Ragonesi, Anita** MALTESE FOLKSONG "GHANA" A BIBLIOGRAPHY AND RESOURCE MATERIAL 1999 Għandu titolu wkoll bil-Malti għax il-materjal huwa preżentat biż-żewġ ilsna. Dan il-ktieb huwa editjat minn **Ġorġ Mifsud Chircop** li reċentement kiteb diversi kotba ta' studji folkloristiċi, bħal MANWEL MAGRI - ĦREJJEF MISSIRIJIETNA, IL-PRASPAR MIKTUBA MINN DUN XAND CORTIS, ĠAĦAN U ĦREJJEF OĦRA, Eċċ. u għandu jikteb ukoll dwar il-folklor fis-sensiela Kullana Kulturali msemmija aktar qabel, minbarra li qed jieħu ħsieb il-Festival Nazzjonali ta' l-Għana le beda jsir fl-1998. Fil-bibljografija ta' Anita Ragonesi hemm referenza ukoll għal xi kitbiet f'L-Imnara.

Minbarra dawk li semmejna, fil-Għaqda Maltija tal-Folklor hemm mhux biss membri kittieba ta' artikoli li deheru f'L-Imnara (ara lista tal-artikoli kollha f'L-Imnara numru 21), imma kittieba ta' għadd kbir ta' artikoli fil-gażżetti u l-ġornali bħal **Joseph C. Camilleri,** u oħrajn li ppubblikaw kotba bħalma huma **Karmen Mikallef Buħaġar** (li b'Oliver Friġġieri bħala editur, ippubblikat l-ittri li kien jiktbilha Dun Karm Psaila), **Rafel Bonnici Cali** (folklor), **Karmenu Ellul Galea** (trejunjoniżmu), **Joseph F. Grima** (storja; u se jikteb dwar Żmien il-Kavallieri fil-Kullana Kulturali), **Dr. Albert Ganado** (mapep, storja), **Dr. George Zammit Maempel** (paleontoloġija, ġeoloġija, storja), **Alfie Guillaumier** (bliet u rħula), **Joe Vella Bondin** (li minbarra li kiteb serje ta' programmi dwar l-għana folkloristiku Malti fuq il-PBS, se jikteb ukoll dwar il-Mużika fil-Kullana Kulturali), **John Sciberras** (proża, poeżija, epigrammi), **Joseph Sciberras** (proża u poeżija).

*Nota: L-editur dejjem lest ikun jaf b'xi pubblikazzjonijiet mill-membri tagħna, u wkoll ikun lest jagħmel reċensjoni ta' dawk li jirċievi.*

## LISTA TA' MEMBRI EFFETTIVI TAL-GHAQDA MALTIJA

TAL-FOLKLOR GHAS-SENA 1999

*Presidenti onorarji:* **Ġużè Cassar Pullicino A.L.A., Rafel Bonnici Calī, Karmen Mikallef Buħaġar**

*Membri onorarji.:* **M'me Aurore Vérié**

## MEMBRI EFFETTIVI:

**Attard, Anton "Sidtna Marija" Triq il-Qaliet, Qied il-Għajn ZBR 10**
**Bajada, Joseph "Madonna ta' Pinu" Vjal 8 ta' Settembru, Xagħra, Gozo XRA 103**
**Bianchi B.Sc., Nicholas "Villa Fort" Triq Preca, Lija BZN 04**
**Bonello, E. 52, Triq L-Isqof Labini , B'kara BKR 05**
**Borg Cardona B.A., L.T.C.L., Anna "Ċiklamina" Triq il-Qarċilla, Balzan BZN 07**
**Borg Cardona, chris H., "Dar Zanira" Balzan Valley, Hal Balzan BZN 08**
**Calleja, Frankie "Tinkerbelle" Triq il-Kunvent, Zabbar ZBR 04**
**Camilleri B.A., Joseph C. "Ilqugħ" 32 Triq il-Muskatell, Attard BZN 13**
**Cassar B.A., M.Ed., Ph.D., Dr. George78, Triq Papa Piu XII, Mosta MST 05**
**Cassar, Lawrence 24-25 Triq Zondadari, Rabat RBT 12**
**Cassar, Shawn "Banjo" Triq il-Kaħwiela, Zabbar ZBR 06**
**Cesare, Salv. 14, Triq Laqxija, B'kara BKR 03**
**Chetcuti, M.O.M., Ġużè "Żerniq" 8/10, Triq Għar il-Lenbi, Tas-Sliema SLM 16**
**Chircop, Ph.D., Dr. John 53, Triq il-Fikus, Zabbar Z.B.R. 07**
**Cremona, John 54, Triq San Ġwann Bosco, Rabat, Gozo VCT 104**
**Debono, John 63 Triq N. Cotoner, Lija BZN 10**
**Delicata, John "Doris" 26, Triq Sir Anthony Micallef, Hal Balzan**
**Depares, Charles A. 40, Dingli Street Tas-Sliema SLM 09**
**Diacono, Josephine 9, G.Agius Muscat Str., Zabbar**
**Dougall, Angelo, 76 Triq San Mikiel, B'uġa BBG 02**
**Ellul, Joe 60, Triq Santu Rokku, Qormi QRM 11**
**Ellul Galea, Karmenu 32, Triq Tal-Borġ Paola PLA 06**
**Farrugia, Anton "Casa Farrugisa" 17 Pjazza Tal-Knisja, Mqabba ZRQ 08**
**Farrugia, Frans "Mon Delice" Dawret Hal Għaxaq ZTN 13**
**Fava, B.Sc., M.D., Dr. C. "Constantia" Ċafċaf Lane, Madliena NXR 09**
**Felice B.Ch.D., Dr. John Krypton Chemists, Ta' L-Ibraġ Rd., S. Andrews, S.Andrews STJ 13**
**Fenech, Alfred "Grezz" Triq id-Dirsa, H'Attard BZN 05**
**Fenech, Joseph M. 7, "Massabielle" Triq Mons. M. Azzopardi, Siggiewi QRM 15**
**Fenech, Louis 97, "Faraġ" Triq Stefano Erardi, L-Iklin**
**Fenech, Martha 26, Ponsomby Str., Mosta**
**Formosa B.A., Patrick "Patros" Triq Wignacourt, B'kara BKR 08**
**Gatt, Emanuel 3 Alley 1, Barracks Str., Qormi QRM 04**
**Gatt, Ġużi 7, Block C Perry Court, Triq B'kara, S.Ġiljan SLM 13**
**Griffiths M.D., F.R.C.S., Prof. V. 7, Triq il-Palma, S. Ġiljan STJ 12**
**Grima B.A., M.A., Jos. F. "Kosi Kot" Triq Ġuże Ellul Mercer, Qormi QRM 06**
**Grixti, Raymond "The Winds" Triq Clematis, S. Luċija PLA 10**
**Guillaumier, Alfie 12, Triq Villambrosa, Hamrun HMR 06**
**Jaccarini M.D., F.R.C.P., Dr. C. J. "Dovedale " Garden Crescent, S..Ġiljan STJ 12**
**Lanfranco, Guido 78, Triq San Trofimu , Tas-Sliema SLM 02**
**Lia B.Ed.(Hons), B.A., Carmen 18 Main Str. Zabbar ZBR 02**
**Magri-Naudi, Magda "Torsance " 5, Triq Karlu Darmanin, Lija BZN 14**
**Mallia A.C.I.B., F.I.Met., Alfred "Is-Sebuka " Triq Ta' Marmora, San Ġwann SGN 07**

**Masini L.P., Franco "Cittadella " Trioq il-Linja, H'Attard BZN 05**
**Micallef, Joseph W. , 1 / 4 Norfolk Str. Tas-Sliema SLM 08**
**Mifsud Chircop B.A.(Hons.), M.A., Ġorġ "Fommu bil-Għasel " Triq il-Bufula Ħamra , Mosta MST 02**
**Muscat, Victoria "Il-Musbiħ " Valley Rd., Msida MSD 03**
**Pace, Anthony "La Traviata" Triq Dun Karm, L-Ilklin BZN 11**
**Pellegrini LL.D., Notary Dr. Franco "Sonata" 21, Triq Tal-Mirakli, Lija BZN 10**
**Pisani, Maria 194; Triq San Pawl, Valletta**
**Porsella Flores, J.F. 69, Triq il-Palma, Paola PLA 03**
**Puli M.Q.R., Mary 52, Triq Sant'Agata, Tas-Sliema SLM 07**
**Ragonesi, Anita "The Oasis" Flat 6, B'kara Hill, S.Julians STJ 09**
**Risso, Capt. R. "Mon Fleur" Triq S. Antnin, San Ġwann SGN 04**
**Saliba, Raymond 81 Triq Giov. Barbara, Ħamrun HMR 05**
**Sammut, Julian 79, Triq Tal-Grazzja, Ħaż Żebbuġ ZBG 04**
**Sammut Testaferrata M.A., M.Phil., Jos. "Damaris" Triq Lascaris, Ponta tal-Qawra SPB 05**
**Sant Cassia, Anthony V. 92, Triq Sir Ugo Mifsud, Lija BZN 10**
**Sarè, John Charles 166 Rudolphe Str., Tas-Sliema SLM 02**
**Schembri, Anthony "Renton" Triq Ħaż Żabbar, Fgura**
**Schembri A.F.M., Lieut. Col.Mario Bl0ck B Triq Bellavista S.Ġwann SGN 03**
**Schembri, Vincent "Orestin" Triq L-Għarnuq, Fgura PLA 14**
**Sciberras, John "April" Old Church Str., B'kara BKR 12**
**Sciberras, Joseph "Stefanotis" Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara BKR 12**
**Scicluna , John C. "Casa Scicluna" 18, Triq Robert Sammut, Tal-Virtu, Rabat RBT 02**
**Seychell, Charles "Il-Qannata" Triq l-Arkibusier" Żejtun ZTN 07**
**Soler, Albert "Villa Maria" Triq Iż-Żerniq" Tal-Qattus, B'kara BKR 13**
**Spiteri Maempel, Mario "Marvik" Triq L-Imdina, Balzan BZN 07**
**Tanti, Joe M. "The Greenfields" Triq L-Inkwina, S.Venera HMR 07**
**Tedesco, Joe "Sunshine" Triq L-Aħwa Żammit, Qormi QRM 05**
**Vella Bondin, Joe 54, Triq il-Parroċċa, S.Venera HMR 18**
**Zahra, Lorenzo "San Lorenzo" 18, Triq Zerafa, Marsa HMR 03**
**Zahra, Vincent P. 18 / 1 Block C Triq Sophia , Bormla CSP 02**
**Zammit, Caroline "Casa Zammit" Triq Mons. A. Mifsud, Ta Xbiex MSD 11**
**Zammit Maempel M.Q.R. DSc.(Hon.Causa),M.D., Dr.George**
**148, St. Francis Str. Balzan**
**Zarb, Marie Clare 2, Planet Court, Tigne Sea Front, Tas-Sliema SLM 15**

*Nota: Nifirħu lill-Awditur tagħna is-Sur Alfred Mallia li laħaq chairman fil-kunsill ta'l-iStock Exchange, u l-s-Sin'ra Magda Magri-Naudi fil-Kulleġġ tal-Kunsillieri.*

KUMITAT GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR 1999

*President:* **Sur Guido Lanfranco**
*Viċi Pres:* **Sin'a Maria Pisani**
*Segretarju:* **Sur Alfred Fenech**
*Ass.Segr:* **Sur Angelo Dougall**
*Teżorier:* **Sur J.F.Porsella Flores**
*Ass.Też.:* **Sur Jos. Fenech**
*Membri:* **Sur Frans Farrugia**
**Sur Louis Fenech**
**Sur Charles Seychell**
*Editur:* **Sur Guido Lanfranco**
*Awditur:* **Sur Alfred Mallia**